MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 349/2006

Il-Pulizija
(Spt. Louise Calleja)

Vs

Josephine Grixti

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-Marsa, nhar il-5 ta' Marzu, 2004, ghall-habta tal-10.30 p.m. u ghall-habta tal-11.45 p.m., f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali w dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 t’Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannataha ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-7 ta’ Novembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti wcioe’:- li fl-ewwel lok giet akkuzata fic-citazzjoni talli kkommettiet ir-reat fil-5 ta’ Marzu, 2004 fil-waqt li fis-sentenza hija giet misjuba hatja talli kkomettiet l-istess reat f’ data differenti w cioe’ fil-15 ta’ Marzu, 2004. Fit-tieni lok u sussidjarjament u minghajr prgegudizzju, l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu insufficjenti u ma kienux iwasslu sa dak il-grad rikjest mill-ligi sabiex tinstab htija fil-kamp penali. Bizzejjed jigi rilevat li WPC 72 xehdet li l-appellanti ma kienetx liebsa indecenti u lanqas kellha xi ammont ta’ flus kew kontracettivi. Il-fatt li persuna tkun tinsab f’ post notorju ghall-prostituzzjoni ma hijiex wahedha cirkostanza jew prova sufficjenti biex jigi sodisfacentement pruvat ir-reat de quo. Fit-tielet lok il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet esagerata fic-cirkostanzi w kellha tigi imposta piena aktar gustaw ekwa ta’ multa.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-7 ta’ Dicembru, 2006;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota ta’ sottomissjonijiet u riferenzi tal-Avukat Generali tal-20 ta’ Dicembru, 2006;

Rat in-Nota ta’ sottomissjonijiet u riferenzi tal-appellanti tad-29 ta’ Dicembru,2006

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju hu minnu li l-akkuza fic-citazzjoni kienet tirriferi ghad-data tal-**5 ta’ Marzu, 2004** (Fol. 1). Inspjegabbilment pero’, fis-sentenza traskritta w dattilografata li tinsab fil-process, id-data ghal darbtejn giet ittajpjatha “15” minnflok “5”, kif suppost u skond ma jirrizulta kemm mill-akkuza kif ukoll mill-provi. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti jidher ben fondat bhala fatt.

Illi mill-process ma jirrizultax li kien hemm xi sentenza originali miktuba mill-Magistrat *di proprio pugno* li turi d-data korretta, f’ liema kaz din il-Qorti kienet toqghod fuq id-data f’ tali sentenza originali. Ghalhekk din il-Qorti trid bil-fors toqghod fuq is-sentenza traskritta li fiha zball manifest fid-data.

Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Avukat Generali jikkoncedi li hemm zball fis-sentenza appellata izda jikkontendi li dan hu kaz ta’ *“lapsus calami”* (ossia pjuttost *“lapsus computetri*”) u li mir-ricerki tieghu ma sab ebda gurisprudenza specifika li tirregola din il-kwistjoni, pero’ b’ riferenza generika ghall-gurisprudenza, sostna li dan l-izball ma jwassalx ghall-assoluzzjoni tal-appellanti.

Invece, fin-nota taghha, l-appellanti zammet ferm l-ewwel aggravju taghha. Ghamlet riferenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza **“”Il-Pulizija vs. James Camilleri”** [26.10.2006] u argumentat li dan l-izball igib in-nullita’ tas-sentenza appellata.

Ikkonsidrat;

Illi fil-verita’ s-sentenza li saret riferenza ghaliha mid-difiza fin-nota taghha kienet tirriferi ghal nullita’ tas-sentenza ghax din kienet turi data differenti mid-data li fil-fatt

jirrizulta mill-process li kienet inghatat. Din il-Qorti kienet effettivament irriteniet li ma setghetx tikkorregi tali zball u ghalhekk annullat is-sentenza. Dan il-kaz hu alkwantu differenti ghaliex hawn l-izball qieghed fid-data tal-kommissjoni tal-allegat reat. Mill-banda l-ohra is-sentenza citata fin-nota tal-Avukat Generali kienet ukoll tirrigwarda zball ta' natura differenti minn dak in ezami w ftit li xejn tghin fis-soluzzjoni tal-vertenza.

Li hu zgur hu li s-sentenza appellata ma tistax treggi kif inhi ghax issib lill-appellanti hatja li kkommettiet reat f'data meta kemm mill-istess akkuza kif ukoll mill-provi mismugha manifestament jidher li f' dik id-data ma jirrizulta li kkommettiet ebda reat.

Jidher ghalhekk li l-ewwel aggravju ghandu jigi milqugh kif ukoll tigi milqugha t-talba tal-appellanti biex is-sentenza tigi annullata, a tenur tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, peress li tikkontjeni ksur ta' formalita' ta' natura sostanzjali w ser tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu hija stess, ghaliex f' dan il-kaz ma hemmx il-htiega tad-*doppio esame*, trattandosi ta' zball ta' natura ta' "*lapsus computetri",* li jolqot biss id-data tal-allegat reat u mhux is-sustanza tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta' **WPC 72 MARY ROSE PULIS** , jirrizulta b' mod inkontestat li fil-5 ta' Marzu, 2004, ghall-habta ta' xil-10.30 pm., waqt li hi kienet *"patrol"* tas-soltu fejn il-kanal tal-Marsa, osservat lill-appellanti miexja bil-mod f' dak il-lokal. Kellha dublett qasir hafna, 'l fuq sew mill-irkobba w kienet liebsa gakketta hamra u *boots* abjad. Hi qaltilha biex titlaq minn hemm. Huma baqghu iduru fuq il-*"patrol"* u fl-11.45 pm, regghu ghaddew mil-istess post u sabu li l-appellanti kienet ghadha hemm u qalulha li ser jirraportawha. Din ma kienetx l-ewwel darba li kienu raw lill-appellanti f' dak il-post, li hu post ta' hekk (ie. ta' prostituzzjoni) kif taf mill-esperjenza taghha ta' erbatax il-sena fuq dan ix-xoghol. Huma ma kienux fittxew fuq il-persuna tal-appellanti. Hemmhekk hemm dawl tal-bozoz u mhux dlam cappa.

Ikkonsidrat;

Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo"** [29.3.2006] citata mill-appellanti, biex tirmexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7 (2) tal-Kap.63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f' post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti kif preseduta fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Michael Falzon"** [19.6.2002] il-kliem : "*jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni" u ( "loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti , nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm umbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li it-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f' xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal dan l-iskop. L-element tat-thajjir umbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qeghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-**"circumstantial evidence"** huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi il-veri intenzjoni ta' dak li jkun.* "

Ikkonsidrat;

Illi f’ dan il-kaz ma hemmx dubju li l-post fejn instabet l-appellanti ghal darbtejn fl-istess lejl hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Jirrizulta li kienet liebsa ilbies intiz biex jigbed l-attenzjoni ossia mini skirt qasir fuq boots bojod u gakketta hamra. Jidher ukoll li minkejja li ntbaghtet minn hemm mill-Police Woman fl-10.30 pm. l-appellanti baqghet titlajja fuq il-post sal-11.45 pm. Issa dan mhux il-*promenade* ta’ tas-Sliema jew San Pawl il-Bahar fejn forsi sa tard bil-lejl issib nies u familji shah jippassiggaw ghall-affari taghhom. Imma hu post f’ zona industriali pjuttost imwarrab mill-*stream of traffic* u li gie dikjarat f’ diversi sentenzi tal-Qrati, inkluza dik appena citata, li hu post maghruf ghall-prostituzzjoni. Inoltre din ma kienetx l-ewwel darba li l-Pulizija kienu rawha f’ dawk l-agwati skond ix-xhud WPC Pulis.

Ghalhekk din il-Qorti m’ ghandix l-icken ombra ta’ dubju li l-appellanti kienet hemm f’ dawk il-hinijiet ghal skop ta’ prostituzzjoni jew skopijiet immorali u ghal xejn aktar.

Kuntrarjament ghall-kaz citat mid-difiza, l-appellanti odjerna ma offriet ebda spjegazzjoni ghall-prezenza taghha f’ dak il-post f’ dawk il-hinijiet, li tista’ tissodisfa - almenu sal-grad tal-probabbli – lill- gudikant, kif ghamlet b’ success l-imputata appellanti fil-kaz citat mid-difiza. Inoltre dik l-appellanti ma rrizultax li kienet liebsa mhux xieraq u kienet ilha hemm biss xi ftit minuti, mentri f’ dal-kaz l-appellanti baqghet fuq il-post ghall-aktar minn siegha, jew – jekk stess kienet illargat ghal xi hin - hasset li kellha bzonn terga’ tmur hemm u dan ghal ragunijiet ovvji u mhux ghax kif jghidu *“the night was still young”.* Ghalhekk il-fattispecji tal-kaz citat huma differenti minn dawk ta’ dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li l-akkuza dedotta kontra l-apellanti tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Illi dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellanti jirrizulta lil mill-1982 ‘l hawn hija instabet hatja mill-Qrati mhux inqas minn tminja w ghoxrin (28) darba li minnhom tnejn u ghoxrin (22) sentenza kienu proprju jirrigwardaw akkuzi ta’ tlajjar ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal

skopijiet immorali. Instabet ukoll hatja ta’ akkuzi ta’ serq erba darbiet, darba ta’ glied u storbju w darba talli heddet Spettur tal-Pulizija. Il-Qrati dejjem imxew b’ mod miti maghha izda hi baqghet tippersisti fil-hajja refrattarja taghha.

Il-piena ghar-reat li tieghu l-appellanti qed tinstab hatja hi dik ta’ <u>prigunerija ghal zmien ta’mhux izjed minn tlitt xhur.</u> Il-ligi ma tikkontemplax piena ta’ multa kif qed titlob in subordine l-appellanti fir-rikors tal-appell taghha. Inqas u inqas ma tikkontempla l-piena ta’ c-canfira w twiddiba kontemplata fl-artikolu 7 (2) (c ) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk ukoll hu utili li jigi rilevat li meta il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, presduta mill-istess Magistrat, ghall-disa darbiet erogat piena ta’ canfira w twiddiba, kienet qed teroga piena li fix-xorta w kwantita’ taghha kienet differenti mill-piena preskritta ghar-reat in dizamina. Ic-canfira w twiddiba tista’ tigi applikata biss fil-kaz ta’ kontravvenzjonijiet

Illi hu pacifiku li meta l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu – kif qed taghmel f’ dan il-kaz din il-Qorti - ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428 tal-Kodoci Kriminali li jghid li meta l-appell isir biss mill-persuna hatja, l-piena ma tistax tizdied, u ghalhekk tista’ taghti piena differenti u aktar gravuza minn dik li tkun erogat l-Ewwel Qorti. (ara f’ dan is-sens App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Emmanuele Fenech”** [15.3.1958]; **“Il-Pulizija vs. Marco Hammet u Marco Vella”** [9.1.1992]; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zahra”** [26.5.1994]**; “Il-Pulizija vs. Joseph Muscat”[**10.6.1994] **“Il-Pulizija vs. George Schembri”** [5.7.1994]; ”**Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri”** [7.9.1994] **”IL-Pulizija vs Joseph Farrugia”** [13.1.1995]; u hafna sentenzi ohrajn. )

Illi fil-kaz in ezami, in vista tal-fatt li l-appellanti nstabet hatja tal-istess reat ghal daqs tant numru ta’ drabi u proprju baqghet hekk tinstab hatja sa dawn l-ahhar xhur, din il-Qorti - bhall-Ewwel Qorti - thoss li jkun utili li tigi applikata l-piena skond il-ligi w dan fil-massimu taghha, pero’, bit-tama li forsi l-appellanti fl-ahhar tifhem li ma tistax tibqa’ tikser l-istess dispozizzjoni tal-ligi regolarment

w impunement, ser tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza fit-terminu massimu taghha ta' erba' snin, skond l-art. 28A tal-Kap.9.

Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi min dan l-appell billi, fl-ewwel lok, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti w tannulla s-sentenza appellata w, wara li regghet semghet il-kaz fil-mertu, ssibha hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u, wara li rat l–artikolu 7 (2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-art. 28A tal-Kap.9, tikkundannaha ghall-piena ta' tlitt xhur prigunerija, b' dan li din is-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mill-lum, hi tikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija.

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellanti r-responsabbilta' taghha skond l-art. 28B jekk hi tikkommetti matul il-periodu operattiv, reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------